MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 422/2014

**Kencar Company Limited [C-49828]**

**Vs**

**Mediterranean Building Finishes Limited [C-13077]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-27 ta’ Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta’ elfejn hames mija u sebgha u erbghin euro [€2,547] u dan wara li ppremettiet hekk:

> “Dan it-Tribunal qieghed jiġi mitlub jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attriċi s-somma komplessiva ta’ elfejn, hames mija u sebgha u erbghin euro (€2547), rappreżentanti din is-somma bilanċ dovut (Dok. A) mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attriċi mill-prezz, inkluż it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghal provvista u

> installazzjoni lilha ta' airconditioning units skont il-fattura hawn annessa u immarkata bhala Dok. B. Ghalkemm is-socjeta konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tissalda dan il-kont, hija baqghet inadempjenti.
>
> Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mit-2 ta' Lulju 2012, data tal-fattura, sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta illi tinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fis-7 ta' Lulju, 2014 u li ma dehritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Dr. Carlos Buegaj talab li jixhed Kenneth Caruana, r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-lum u t-Tribunal laqa' t-talba.

Semgha x-xhieda ta' Kenneth Caruana, rappreżentant tas-socjeta rikorrenti li kkonferma li l-ammont reklamat fit-Talba odjerna ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ra li Dr. Carlos Bugeja ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' elfejn hames mija u sebgha u erbghin euro [€2,547] rapprezentanti din is-somma bilanċ dovut lilha mis-socjeta intimata ghal provvista u installazzjoni ta' *airconditioning units*.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehed llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elfejn hames mija u sebgha u erbghin euro [€2,547] ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta intimata giet notifikata fis-7 ta' Lulju, 2014 u baqghet ma dehritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Wara li semgha x-xhieda mressqa, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn hames mija u sebgha u erbghin euro [€2,547] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-2 ta' Lulju, 2012 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------